

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: VO

Konvenuta: Bezirkshauptmannschaft Tulln

Dispożittiv

- 1) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(3) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni prevista minnu leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lis-sewwieq ta' vettura mgħammra b'takografu diġitali jipproduċi, bħala mezz sekondarju ta' prova tal-attivitajiet tiegħu, fil-każ li r-reġistrazzjonijiet awtomatiċi u manwali fl-imsemmi takografu jkunu neqsin, ċertifikazzjoni stabbilita mill-persuna li timpjegah konformement mal-formola li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/959/UE tal-14 ta' Diċembru 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2007/230/KE dwar formola li tikkonċerna l-leġiżlazzjoni soċjali marbuta mal-attivitajiet tat-trasport bit-triq.
- 2) Mill-eżami tat-tieni domanda ma rriżulta ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tal-formola tal-Kummissjoni li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2009/959.

(¹) ĠU C 172, 20.5.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-7 ta' Mejju 2020 – BTB Holding Investments SA, Dufenco Participations Holding SA vs Il-Kummissjoni Ewropea, Foreign Strategic Investments Holding (FSIH)

(Kawża C-148/19 P) (¹)

(Appell – Għajjnuna mill-Istat – Għajjnuna reġjonali favur l-industrija tal-azzar – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq komuni – Kunċett ta' "għajjnuna mill-Istat" – Vantaġġ – Kriterju ta' operatur privat – Żball manifest – Oneru tal-prova – Limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju)

(2020/C 240/23)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: BTB Holding Investments SA, Dufenco Participations Holding SA (rappreżentanti: J.-F. Bellis, R. Luff, M. Favart, u Q. Declève, avocats)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Bottka u G. Luengo, aġenti), Foreign Strategic Investments Holding (FSIH)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) BTB Holding Investments SA u Dufenco Participations Holding SA huma kkundannati għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 182, 27.5.2019.